# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 9 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1936/98**

**Numru 31**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Bonnici Brothers Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mija u disa u tmenin lira maltin u tnax l-centezmu (Lm189.12) rapprezentanti hsarat ikkawzati mis-socjeta' konvenuta f'"Cable" propjeta tal-korporazzjoni attrici f'Zammit Clapp Street - Pieta nhar l-20 ta' Novembru 1997, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-incident sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' 11 ta' Awissu 1998, tal-ittra bonarja ta' 16 ta' Lulju 1998, tat-taxxa tas-sisa fuq s-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Settembru 2000.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-3 ta' April 2000 meta gew prezentati l-kapitoli, fil-11 ta' Settembru 2000 u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm189.12,0 bl-imghax legali mill-11 ta’ Awissu 1998 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta‘ Awissu 1998, tal-ittra bonarja tas-16 ta’ Lulju 1998 u tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi in konnessjoni mad-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg